It-Tnejn u Għoxrin Lezzjoni: Morru fil-paċi ta' Kristu

- Fir-rit ta' l-Għeluq, il-qassis jagħtina l-barka u jibgħatna d-dar billi jgħidilna, *Morru fil-paċi ta' Kristu*.
- Din il-fraži tfisser li dak kollu li smajna u għexna tul il-quddiesa, irridu nkomplu ngħixuh ma' dawk kollha li jkunu madwarna.
- It-tagħlim li ħadna waqt il-Liturġija tal-Kelma, irridu nwettquh mal-familjari u l-ħbieb. Ikun inutli li nisimgħu biss mingħajr ma nagħmlu dak kollu li nkunu tgħallimna.
- L-esperjenza ta' paċi li nkunu esperjenzajna fil-Liturġija ta' l-Ewkaristija, irridu nkomplu ngħixuha matul il-kumplament tal-ġurnata. Irridu ngħixu fl-imħabba ma' dawk kollha li niltaqgħu magħhom matul ħajjitna.
- Wara l-quddiesa, l-offerta tagħna lil Alla, xorta waħda trid tkompli. Irridu nkomplu noffru lil Alla dak kollu li naħsbu, li ngħidu u li nagħmlu.
- L-għaqda li nħossu matul il-quddiesa rridu nkomplu nħossuha fil-kumplament ta' ħajjitna. B'hekk Ġesu' jibqa' jgħix fina u aħna ngħixu fil-paċi tiegħu. Irridu nkomplu nħobbu lil xulxin kif ħabbna Ġesu' nnifsu.
- Wara l-quddies aħna wkoll insiru xhieda ta' Kristu. Dan nagħmluh billi:
  - Nħobbu lil xulxin kif ħabbna Ġesu' u nixbhuh;
  - Nagħtu eżempju tajjeb lill-oħrajn;
  - Ngħinu lil kull min ikun fil-bżonn;

- Nikkoreġu bil-ħlewwa lil min żbalja;
- Ma nagħmlux deni lil ħaddieħor;
- Nagħmlu l-ġid u nirrispettaw lil kulħadd;
- Nirrispettaw anke lil min għamlilna d-deni;
- Nżommu l-għaqda bejn grupp u ieħor;
- Nħeġġu lill-oħrajn jersqu għas-sagramenti tal-qrar u t-tqarbin u jieħdu sehem fil-quddiesa;
- Nħajru lil sħabna biex jattendu xi għaqda reliġjuża.

- L-iSpirtu s-Santu li niżel fuq l-Appostli fil-Pentekoste, irid jibqa' jgħix fina l-insara tul iż-żminijiet. B'hekk nirbħu kull tfixkil u ngħixu fil-paċi ta' Kristu.